Jiswielek.

# Manifest Elettorali
## Parlament Ewropew 2024

# Jiswielek.

## Għażiża ċittadina, għażiż ċittadin,
## Maltija u Malti, Għawdxi u Għawdxija,
## Ċittadini Ewropej,

Jiswielek li tuża l-vot tiegħek fl-elezzjoni għall-Parlament Ewropew. Billi tivvota fuq l-AĦDAR qed tgħaddi messaġġ b'saħħtu. Qed tgħaddi messaġġ li trid pajjiż verament modern. Pajjiż li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tan-nies. Xi tfisser il-kwalità tal-ħajja? Tfisser li nieħdu ħsieb l-ispazji miftuħa bis-serjetà, tfisser li neqirdu t-tniġġis li qed jħammeġ l-arja u joqtolna. Tfisser li nużaw ir-riżorsi naturali aħjar u li nassiguraw li nkomplu nibnu Ewropa ta' solidarjetà u ugwaljanza. Li nnaqqsu l-ħela jaqbel għal kulħadd.

Jiswielek li bil-vot tiegħek tappoġġja lil min verament irid jindirizza bis-serjetà l-isfida li Malta, l-Unjoni Ewropea u d-dinja kollha qed jiffaċċjaw: l-emerġenza tal-klima. Il-politika tagħna, dik li nibnu soċjetà aktar ħadra tfisser fl-aħħar mill-aħħar li niffaċċjaw l-inġustizzji u l-inugwaljanzi fis-soċjetà tagħna, anke dawk li jirrizultaw mill-impatti ambjentali. In-nuqqas ta' azzjoni illum tfisser li deċiżjonijiet isiru aktar diffiċli 'l quddiem.

Jiswielek li tivvota għal investiment Ewropew għal enerġija rinovabbli. Dan ifisser stabilità fil-prezzijiet, arja nadifa, u xogħol ta' kwalità lokalment. Ifisser li l-ekonomija tagħna ma tibqax tiddependi għal kollox fuq sorsi barranin u instabbli li jġib l-użu ta' enerġija maħmuġa.

Jiswielek li niġġieldu kontra t-tniġġis. Li niżguraw li l-multinazzjonali ma jibqgħux jiġu sussidjati biex jipproduċu ikel ta' kwalità baxxa, imma li s-sussidji neċessarji u l-għajnuna teknika u xjentifika jmorru għand bdiewa żgħar lokali.

Jiswielek li tivvota biex naslu għal Patt Aħdar u Soċjali Ewropew, li jiżgura investiment f'servizzi pubbliċi b'saħħithom. Li jiżgura investiment Ewropew f'*housing* affordabbli, djar komdi li ma jaħlux enerġija, u trasport pubbliku nadif li jaqdi aktar il-ħtiġijiet tan-nies, lokalment u madwar l-Unjoni Ewropea. Investiment bi ħsieb f'servizzi pubbliċi jfisser li l-ħajja ta' kuljum tkun affordabbli.

Flimkien ma' sħabna l-Ħodor madwar l-Ewropa rridu pjan ta' investiment Ewropew f'industriji ħodor. Flimkien irridu garanziji ta' Ewropa aktar u aktar demokratika, trasparenti u rappreżentattiva fejn id-drittijiet ta' kulħadd jitħarsu u fejn ir-rispett lejn xulxin huwa s-sies ta' soċjetà mlewna u b'saħħitha.

## Inħarsu l-klima. Jiswielek.

Jiswielek li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-Patt Ekoloġiku u Soċjali.

Jiswielek li Malta tkun fuq quddiem nett fil-mixja lejn kwalità ta' ħajja aħjar għalik, għalina u għal uliedna.

Jiswielek li niġġieldu bis-serjetà l-effetti fuq Malta tal-bidla fil-klima, għax l-għelieqi qed isiru deżert, l-art qed tinxef, il-maltempati qed jiħraxu, il-ħajja fil-baħar qed tispiċċa u s-sħana qed tiżdied. Ir-riskji ta' għargħar u anke li l-livell tal-baħar jogħla li tfisser il-qerda tal-infrastruttura mal-kosta, qed jiżdiedu drastikament. Ir-reġjun tagħna diġà qiegħed ibati mill-effetti tal-bidla fil-klima, aktar minn reġjuni oħra. L-istudji jikkonfermaw li l-Mediterran qed jisħon 20% aktar malajr mill-medja tal-bqija tad-dinja. Ir-reġjun diġà qabeż żieda fit-temperatura medja ta' 1.5 gradi Celsius. Din iż-żieda għandha effetti serji fuqna, u b'aktar żidiet fit-temperatura medja s-sitwazzjoni tmur mill-ħażin għall-agħar. Jiswielna li nxammru l-kmiem.

Jiswielek li l-Unjoni Ewropea tnaqqas l-emmissjonijiet tal-karbonju u gassijiet oħra malajr. Aħna l-Ħodor naħdmu u ninsistu biex nibqgħu mexjin fit-triq lejn żero-karbonju.Id-dħul minn tassazzjoni li ġġiegħel lil kumpaniji multinazzjonali jimxu malajr lejn trasport u industrija nadifa jitqassmu b'mod ġust. Il-fondi ġġenerati għandhom jiffinanzjaw it-tranżizzjoni soċjali u ekoloġika fis-setturi tat-trasport, tal-biedja u dawk industrijali f'pajjiżi l-aktar affettwati mill-bidla fil-klima bħal Malta.

Jingħad x'jingħad waqt il-kampanja elettorali, r-realtà tibqa' li jekk ma nirrispettawx il-limiti li timponi fuqna n-natura stess, nispiċċaw ħażin. Il-protezzjoni tan-natura, l-ambjent, u l-art u l-baħar ta' pajjiżna tfisser il-protezzjoni, u l-benesseri tagħna lkoll illum u għada.

## Enerġija nadifa u rinovabbli f'Malta, għal Malta. Jiswielek.

Jiswielek li naslu għal enerġija rinovabbli li tgħaqqad il-kontinent Ewropew kollu. Jiswielek, għax l-enerġija nadifa u rinovabbli hija ċ-ċavetta għal futur ekonomiku li jaqdi l-bżonnijiet tagħna, u jiżgura s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tagħna. Malta pajjiż li qiegħed minn tal-aħħar fil-klassifika tal-enerġija rinovabbli. Aħna rridu li naħdmu qatiegħ biex 50% mill-enerġija li nużaw tkun enerġija rinovabbli sal-2030. Qegħdin tard minħabba t-traskuraġni tal-gvernijiet Maltin, wieħed wara l-ieħor.

Jiswielek li naħdmu għal din il-mira għax b'hekk jiżdiedu l-opportunitajiet ta' xogħol tekniku u manwali, xogħol fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż fl-użu tat-teknoloġija bħall-intelliġenza artifiċjali biex inżidu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Jiswielek illi nieqfu nesportaw il-flus 'il barra minn Malta biex nimpurtaw fuels li jħammġu u jmarrdu. Is-sussidji fuq il-fuel iridu jinqatgħu u l-investiment minflok għandu jsir fix-xogħolijiet tal-preżent u tal-futur, u fit-teknoloġija li ttejbilna ħajjitna. Madwar l-Unjoni Ewropea l-enerġija rinovabbli ffrankat 100 biljun Euro lill-ekonomija u lill-familji bejn l-2021 u l-2023. F'Malta l-gvern għażel li jissussidja l-ħela, u l-flus tat-taxxi tagħna marru biex inkomplu nħammġu madwarna.

Sal-2040 irridu li l-enerġija madwar l-Unjoni Ewropea kollha tiġi kollha kemm hi minn sorsi rinovabbli: mir-riħ, x-xemx, minn sorsi ġeotermiċi u sorsi rinovabbli oħra.
Jiswielek li jkollna pjanetà abitabbli.

Irridu sistemi ta' enerġija nadifa bis-sidien ikunu l-komunitajiet tagħna permezz ta' koperattivi. Jiswielek li jkollna pannelli solari fuq kull bejt f'pajjiżna. Jiswielek li ż-żoni industrijali jkollhom pannelli u anke turbini tar-riħ u sistemi ta' ħażna ta' enerġija nadifa permezz tal-batteriji. Jiswielek li kull għajnuna industrijali tkun marbuta b'mod ċar ma tranżizzjoni lejn l-użu ta' enerġija nadifa u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Jiswielek li emmissjonijiet ta' ħajja ta' lussu, dawk l-emmissjonijiet tal-ksuħat tal-ftit jinqatgħu. Eżempju ta' dan huma l-jets privati. M'għandu jkun hemm l-ebda inċentiv għall-jets privati, anzi dawn għandhom jinqatgħu mill-aktar fis possibbli. Il-biljunarji m'għandhomx ikunu eżenti mir-responsabiltà lejn il-bqija tal-komunità, tal-pajjiż, tal-Unjoni Ewropea u tad-dinja.

## Arja nadifa għal saħħitna. Jiswielek.

Il-viżjoni ta' 'green hydrogen' qed tintuża bħala skuża biex nibqgħu marbuta mal-gass minn sorsi fossili. Ir-realtà hi li hemm riskji u spejjeż kbar fl-idroġenu aħdar, mentri l-enerġija rinovabbli mir-riħ, xemx u sorsi oħra huma teknoloġiji effettivi ħafna u ekonomikament vijabbli. L-iżvilupp tal-idroġenu aħdar għandu jinżamm għal industriji intensivi bħal dik tal-azzar, għall-vapuri tal-merkanzija u applikazzjonijiet simili oħra.

Nappoġġjaw l-attenzjoni fuq il-linji tal-ferroviji veloċi fuq il-kontinent Ewropew, għax għalkemm minn pajjiżna xorta rridu nivjaġġaw lejn il-kontinent b'mezzi oħra, l-konnessjonijiet bejn il-bliet Ewropej xorta jagħmlu l-ivjaġġar aktar faċli meta jinqatgħu l-vjaġġi ta' distanza qasira bl-ajru.

Jiswielek li naħdmu għal Fond Soċjali Ewropew li jiffoka fuq l-adattazzjoni għall-bidla fil-klima u d-diżastri naturali li ġġib magħha. Jiswielek għax tiffinanzja, fost oħrajn, it-tisħiħ tal-Protezzjoni Ċivili.

Hawn min irid is-suq isuq, l-ekonomija fuq kollox, ikunu xi jkunu l-effetti fuqek. Imma aħna irridu Malta żero tniġġis. Għax jiswielek għal saħħtek, u la jiswielek għal saħħtek jiswielna lkoll ekonomikament ukoll. Huwa stmat li madwar l-UE imutu mat-300,000 persuna kull sena minħabba arja maħmuġa. Għalhekk jiswielek enerġija u transport nadif. Jiswielek li jinqatgħa l-użu tal-petrol u d-diesel. Jiswa lit-tfal li jbatu l-aktar minħabba trabijiet fini fl-arja minn dawn l-fuels maħmuġin. Jiswielek li l-istandards tal-kwalità tal-arja jitjiebu u jkunu applikabbli kullimkien, mingħajr eċċezzjonijiet.

## Spazji miftuħa. Jiswielek.

Mill-għasafar san-naħal, mill-imsaġar, u l-foresti, sax-xagħri u l-għaram tar-ramel, in-natura hija l-bażi tal-ħajja fuq il-pjanetà tagħna. Kollox marbut flimkien. Anke aħna f'pajjiżna għandna nħarsu l-bijodiversità u s-sbuħija naturali — jew aħjar il-ftit li fadal minnha. Jiswielek għas-saħħa mentali tiegħek, Jiswielek għax id-dakkara niddependu fuqhom għall-ikel naturali. Jiswielek għax meta neqirdu n-natura inkunu qed neqirdu lilna nfusna. Mal-miljun speċi madwar id-dinja huma mhedda b'estinzjoni minħabba ħsara lill-ekosistemi, l-użu bl-addoċċ tal-pestiċidi u l-bidla fil-klima.

Aħna nappoġġjaw infieq ta' 10% tal-budget tal-UE mill-2026 fuq miri għall-ħarsien tan-natura. Il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima hija marbuta mar-rijabilitazzjoni tan-natura. Għax jiswielek, aħna naħdmu favur in-natura, bil-kontra tal-forzi konservattivi u tal-lemin li għax ma jimpurtahomx iwasslu biex il-qerda tkompli.
Irridu niżguraw li l-immaniġġjar ta' żoni naturali jsir b'mod professjonali, u li proġetti ta' afforestazzjoni jsiru kif suppost, min-nies tekniċi u xjenzati mħarrġa. Rajna wisq ħsara minħabba proġetti li jsiru bl-addoċċ. Ma dan inżidu t-tħaddir, b'mod professjonali tat-toroq tagħna biex isiru aktar attraenti għan-nies u tonqos is-sħana fis-sajf. Jiswielek li t-toroq u l-pjazez jitħaddru kif suppost. Jiswielek li l-Unjoni Ewropea ma tibqax tiffinanzja aktar toroq.

## Biedja sostenibbli. Jiswielek.

Il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea (PAK) ma' taqdix l-interessi tagħna, imma dawk tal-agroindustrija u tal-kumpaniji multinazzjonali tal-ikel. Malta u l-Ewropa għandhom bżonn PAK li tappoġġja l-bidliet neċessarji fil-produzzjoni tal-ikel. Dan tista' tagħmlu billi tappoġġja iktar lill-bidwi ż-żgħir milli qed tagħmel sal-lum.

Il-verità hi li l-liġijiet u regolamenti ambjentali huma bżonjużi għall-bdiewa ġenwini għax fl-aħħar huma jridu jiffaċċjaw in-nixfa, is-sħana u l-bidliet f'daqqa u distruttivi tat-temp.

Jiswielek li nipproteġu l-istandards fil-biedja. Għajb għal dawk li jridu jbaxxuhom. Minflok inbaxxu l-istandards, għandu jkun hemm protezzjoni minn prodotti li qed jiġu impurtati minn barra l-UE u li huma kemm ta' standard baxx kif ukoll ma jsegwux ir-regoli tal-UE. Għandu jkun hemm aktar u aktar għajnuna effettiva teknika u xjentifika. Huwa minn ewl id-dinja li l-agrikoltura għandha bżonn sostenn pubbliku, imma das-sostenn għandu jmur lil min għandu bżonnu, il-bidwi ta' vera, u għandu jkun immirat għall-ġid tas-soċjetà.

Sfortunatament, l-interessi kummerċjali kbar fl-UE qed jixorbu 80% tas-sussidji madwar l-Unjoni Ewropea. Hija sfortuna kbira li r-rabja tal-bdiewa ġenwini, qed jirkbu fuqha dawk li ġabuhom fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha, bil-fissazzjoni fis-suq isuq u bil-mentalità li tiffavorixxi lill-industriji l-kbar u lill-monopolji agroindustrijali. Dawn żgur ma jemmnux fil-kunċett ta' '*small is beautiful*'. Min jiddefendi lil dawn il-*lobbies* qed jiddefendi t-tniġġis, il-mard, il-qerda tal-pajsaġġi u ta' pajjiżna f'isem il-profitti enormi.

Il-bdiewa ġenwini fl-Unjoni Ewropea, inkluż f'Malta, għandhom jkollhom dħul diċenti mix-xogħol iebes tagħhom. Min ikabbar għas-suq lokali — il-kunċett ta' 'żero kilometri' li l-ikel frisk għandu jmur għand il-konsumatur l-aktar viċin ta' fejn jitkabbar — għandu jkollu vantaġġ fuq ikel impurtat u proċessat. Irridu niżguraw li ma jkunx hemm kompetizzjoni inġusta minn prodotti li ma jirrispettawx l-istess standards tagħna. Is-sussidji għandhom imorru għand bdiewa ġenwini, b'investiment kbir f'metodi agroekoloġiċi. Ix-xjenza u t-teknoloġija u l-agronomija moderna għandha tkun għas-servizz tal-bniedem, mhux għas-servizz tal-profitti enormi minn fuq dahar iż-żgħir.

Jiswielek li s-sussidji jiggarantixxu ġustizzja soċjali għal dawk li jkabbru ikel frisk, u jieħdu ħsieb l-art, mhux għal dawk li jeqirduha b'soppa kimika, jipproduċu żżejjed, u jniġġsu bl-addoċċ biex jibilgħu aktar sussidji.

Jiswielek li l-Unjoni Ewropea ma tibqax tissussidja lill-irżieżet industrijali enormi tal-annimali. L-għajnuna għandha tmur lil dawk li jkollhom standards għoljin għall-ħarsien tal-annimali.

## Baħar b'saħħtu u nadif. Jiswielek.

L-ibħra tagħna huma mimlijin plastik u tniġġis industrijali. Jiswielek li l-Unjoni Ewropea tieħu passi bis-serjetà biex it-tniġġis tal-baħar jieqaf, kemm għal saħħtek imma anke għax għalina ċ-ċittadini Ewropej Mediterranji, l-baħar huwa mezz ta' rikreazzjoni ukoll.

Naħdmu biex fl-UE jispiċċa s-sajd industrijali u biex il-Politika Komuni tas-Sajd tinkoraġġixxi sajd b'impatt baxx fuq l-ibħra. Iż-żoni protetti fil-baħar għandhom ikunu protetti verament b'mod effettiv fit-tmintax il-sit bi status ta' konservazzjoni jew protezzjoni speċjali f'pajjiżna. F'Malta l-użu ta' inġenji tal-baħar u sajd huwa saħansitra permess anke madwar żoni ta' konservazzjoni ħdejn bċejjeċ tal-baħar mgħarrqa għall-għadis. Jiswielek li l-baħar ikun protett b'mod effettiv.

## *Housing* affordabbli. Jiswielek.

Saqaf diċenti fuq rasna hu dritt, mhux lussu. Hemm bżonn li *housing* affordabbli jkun il-prijorità fil-politika dwar l-użu tal-art. Bħalissa l-prijorità, sfortunatament hi li tkun sostnuta l-ispekulazzjoni.

Il-perjodu ta' kuntratt tal-kiri għandu jitwal, u l-kirjiet għandhom ikunu marbuta ma' indiċi li ma jipermettix kirjiet li huma b'mod ċar esaġerati. Naħdmu għal pjan Ewropew għall-*housing* affordabbli biex isostni investiment fi djar diċenti u affordabbli.

Investiment fuq livell tal-UE jfisser li s-suq privat ikollu jikkompeti ma' prezzijiet raġonevoli. Kirjiet fuq żmien qasir għandhom jiġu skoraġġiti u l-ispekulazzjoni għandha titrażżan permezz ta' penali għal min iżomm propjetà vojta għal perjodu twil.

## Edukazzjoni ta' kwalità. Jiswielek.

Għalkemm fil-biċċa l-kbira tagħha l-edukazzjoni formali hija kompetenza tal-istati membri individwali tal-Unjoni Ewropea, l-UE għandha tgħin biex l-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tgħinna negħlbu l-inugwaljanzi. Nagħmlu l-bidliet neċessarji fis-soċjetà tagħna, u ntejjbu l-kwalità tal-ħajja tagħna permezz ta' għarfien aħjar tax-xjenza flimkine mat-tisħiħ tal-edukazzjoni fl-oqsma tal-kultura. Xogħolijiet ġodda fl-industrija ħadra jeħtieġu nies imħarrġa tajjeb.

Jiswielek ukoll li l-koperazzjoni bejn l-iskejjel, kulleġġi tekniċi u professjonali, u universitajiet Maltin u Ewropej tissaħħaħ. Jiswa għat-tfal u ż-żgħażagħ u għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżna li jaqsmu l-esperjenzi u t-tagħlim tagħhom ma' kollegi minn pajjiżi oħra. Id-diversità, l-koperazzjoni, l-interess fil-lingwi differenti tagħna, l-kultura u l-ħsieb kritiku, u l-qsim tal-ideat isaħħuna.

Jiswielek li l-programm Erasmus+ jissaħħaħ. L-ugwaljanza titlob li l-għotjiet tal-Erasmus jippermettu l-parteċipazzjoni ta' kulħadd, indipendentement mill-mezzi ekonomiċi tal-istudenti jew tal-ġenituri tagħhom. *Internships bla ħlas huma abbuż.* Naħdmu biex dan ma jibqax il-każ.

## Servizzi tas-saħħa aħjar. Jiswielek.

Unjoni Ewropea tas-Saħħa tiżgura li kull stat ikollu aċċess għal mediċini affordabbli u trattament xieraq, modern u effettiv. Dan għandu jgħodd għal kull aspett tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari fil-kura tal-kanċer u ta' mard rari. Jiswielek li x-xiri ta' ċertu mediċini, partikolarment dawk speċjalizzati, jsir fuq livell Ewropew. Dan jiswa

b'mod partikolari għal pajjiżi żgħar bħal Malta, għax ix-xiri fuq livell Ewropew jiżgura li s-servizz tas-saħħa ta' pajjiżna jkollu aċċess għal mediċina speċjalizzata bi prezzijiet aħjar, u fl-aħħar mill-aħħar li l-pazjent ikollu aċċess għall-kura meħtieġa.

Jiswielek li l-Unjoni Ewropea tkun organizzata għall-emerġenzi tas-saħħa u f'każ ta' diżastri naturali.
Is-saħħa mentali għandha tingħata aktar attenzjoni. Pjan Ewropew għas-saħħa mentali għandu jinkludi aċċess għan-natura u r-rikreazzjoni, kif ukoll għal attivitajiet kulturali u kreattivi.

## Ewropa soċjali. Jiswielek.

Ħafna drabi, billi l-Unjoni Ewropea bdiet bħala unjoni ta' suq ħieles, is-suq u l-kompetizzjoni jieħdu prijorità fuq aspetti oħrajn. Il-Patt Aħdar u Soċjali li naħdmu għalih aħna l-Ħodor huwa garanzija ta' kwalità ta' ħajja tajba għal kulħadd. Jiswielek, għalik, għal saħħtek, għal uliedna, li s-sorsi tal-enerġija jkunu rinovabbli, li t-trasport ma jniġġisx l-arja, li d-djar tagħna jkunu diċenti, u l-ikel tagħna jkun san u nutrittiv. Li l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa u tal-anzjani jkunu ta' kwalità għolja.

Il-ħaddiema jixirqilhom pagi tajbin u diċenti. Mhux aċċettabbli li min jaħdem jibqa' fqir, dan ma jfisser xejn ħlief abbuż u esplojtazzjoni. Il-Ħodor fil-Parlament Ewropew wasslu biex l-UE ikollha qafas biex l-paga minima issir paga li biha tgħix b'mod diċenti. Irridu nimbottaw biex f'Malta l-paga minima issir paga li tista' tgħix biha b'mod diċenti, jiġifieri *living wage*.

It-trasparenza fil-pagi li jħallsu diversi kumpaniji, negozji u organizazzjonijiet hija essenzjali biex jispiċċa l-abbuż fil-pagi u l-ħaddiema jkunu infurmati dwar liema kumpaniji qed iħallsu pagi diċenti u liema mhumiex. Grazzi għal sħabna l-Ħodor fl-Unjoni Ewropea, sal-2026 anke f'Malta l-kumpaniji jridu jippubblikaw d-differenza li hemm fil-pagi bejn min jaqla' l-aktar u l-ħaddiema l-oħra f'kull organizazzjoni. Jiswielek li l-pagi jkunu aktar trasparenti, għaldaqstant aħna naħdmu biex nipproteġu dawn il-kisbiet u naraw li jitħaddmu sew.

Irridu naħdmu biex *platform workers* ikollhom d-drittijet kollha li għandu kull ħaddiem ieħor: mhux biss il-paga minima, imma dritt għal ġranet ta' mistrieħ, *leave* għall-mard, ħarsien mill-perikli fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol kollha li l-ħaddiema għandhom dritt għalihom.

Jiswielek li t-tassazzjoni fuq min iniġġes u fuq is-sinjuruni tiżdied biex b'hekk t-taxxa fuq ix-xogħol tkun tista' tonqos.

L-abbuż fuq ħaddiema barranin li jinġiebu f'Malta biex jagħmlu xogħol bl-irħis irid jispiċċa. Il-kundizzjonijiet ta' dawn il-ħaddiema jrid jiġi regolat u min iħaddem irid jipprovdi akkomodazzjoni diċenti u ta' standard għal ħaddiema temporanji, inkluż għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni. Jiswielek li l-ħaddiema kollha jkunu trattati b'dinjità. Naħdmu fuq miżuri li jnaqqsu l-ħinijiet tax-xogħol u biex jitjieb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja. Dan jinkludi miżuri bħal flessibilità fil-ħinijiet tax-xogħol, xogħol mid-dar, meta it-tip ta' xogħol jippermetti, u d-dritt magħruf bħala *Right to Disconnect*. Ma naqblux mal-użu tal-għodda tal-intelliġenza artifiċjali biex jissorveljaw lill-ħaddiema. Ħaddiema trattati tajjeb u rispettati jagħtu xogħol tajjeb għax ikollhom id-dinjità tagħhom apprezzata u mħarsa.

## Ekonomija ħadra. Jiswielek.

Jiswielek li l-ekonomija ma tibqax marbuta ma' emfasi żejda fuq it-tkabbir bla limitu, u fuq it-trekkin tal-profitti mill-ftit. Jiswielek li naslu għal ekonomija bbażata fuq il-benesseri - *wellbeing economy*. Ekonomija li ttejjeb il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tiegħek, tirrispetta l-limiti li timponi fuqna n-natura, u li twassal għal ambjent b'saħħtu.

Irridu niżviluppaw indiċi Ewropew tal-benesseri li jiggwida d-deċiżjonijiet makro-ekonomiċi u governanza ekonomika li tagħti prijorità lill-investiment lis-servizzi pubbliċi u lit-tranżizzjoni ħadra u soċjali.

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu l-mandat li jinkoraġixxi u jiffaċilità, permezz ta' rati ta' imgħax preferenzjali, investiment aħdar biex ninfatmu mill-fuels fossili li jħammġu l-arja u jmarrduna, filwaqt li jħarbtulna l-klima. Jiswielek li l-Bank Ċentrali Ewropew ikollu l-mandat li jipproteġi l-impjiegi flimkien mal-istabilità tal-prezzijiet.

Il-politika industrijali għandha tiżgura li t-tniġġis jibqa' jonqos sa żero. Jiswielek li l-politika industrijali ma tkunx ibbażata fuq regolamenti dgħajfa u fuq it-tniġġis. Jiswielek li pajjiżna jżid l-infiq, anke permezz ta' sforz iffokat minn fondi Ewropej, fuq r-riċerka f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi, kif ukoll fuq miri soċjali u l-benesseri.

L-iskart industrijali għandu jitqies bħala difett tad-disinn. Jiswielek li nimxu lejn ekonomija verament ċirkolari, rinovabbli, u mingħajr skart, mingħajr tniġġis u sustanzi tossiċi u perikolużi. Irridu li naslu għal din il-mira sas-sena 2040.

Jiswielek li n-negozji żgħar u medji, l-*SMEs*, filwaqt li joperaw fl-interess tal-benesseri tas-soċjetà u tal-komunità, ma jispiċċawx fi żvantaġġ għax kumpaniji kbar u multinazzjonali jitħallew jimmonopolizzaw is-suq u ma' jerfgħux ir-responsibilitajiet tagħhom lejna lkoll.

Il-koperattivi huma mod aktar demokratiku kif jitmexxa x-xogħol u l-kummerċ. Biex insaħħu l-koperattivi, inkluż lill-koperattivi soċjali, dawn għandu jkollhom aċċess għal għajnuna teknika u finanzjarja speċifika għalihom.

## Niġġieldu kontra l-korruzzjoni. Jiswielek.

Jiswielek li naħdmu għal Unjoni Ewropea trasparenti, aktar demokratika u fejn il-kontabilità tissaħħaħ. L-iskandli tal-*Qatargate*, urew li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni mhux qed jagħmlu biżżejjed biex tinqered il-korruzzjoni u biex jiżguraw l-imġiba etika korretta. Anke fl-Unjoni Ewropea aħna rridu awtorità indipendenti dwar l-etika b'poteri ta' investigazzjoni u b'poteri li tieħu passi fejn issib abbuż ta' poter.

Jiswielek li tkun taf min qed jagħmel proposti partikolari dwar direttivi u regolament tal-Unjoni Ewropea. Hemm bżonn leġiżlazzjoni effettiva biex jiġi regolat il-*lobbying*, inkluż reġistru mandatroju ta' trasparenza fuq livell tal-Unjoni Ewropea. Dokumenti u rapporti dwar leġiżlazzjoni li jkunu qed jikkunsidra l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fejn jiltaqgħu l-ministri tal-UE biex jiddiskutu abbozzi leġiżlattivi għandhom ikunu pubbliċi. Il-proċess ta' leġiżlazzjoni f'dan l-istadju għandu jkun trasparenti. Mhux aċċettabbli li parti mill-proċess ta' tiswir ta' leġiżlazzjoni tibqa' mistura.
Jiswielek li l-istituzzjonijiet li jiġġieldu l-korruzzjoni bħal l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (*OLAF*) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (*UPPE*) ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jaraw li flusna ma jinsterqux.

## Naħdmu għall-ugwaljanza, kontra l-vjolenza. Jiswielek.

X'jiswielek li tinxtered il-mibegħda? Jiswielek li nisfidaw il-mibegħda tal-lemin estrem fuq il-migranti, persuni li jitqiesu 'differenti', u persuni LGBTQIA+. Il-mibegħda taffettwa ħażin 'il-kwalità tal-ħajja tagħna kollha, żżid it-tensjoni soċjali, u timmina l-koperazzjoni u l-bini ta' soċjetà b'saħħitha.

Jiswielek li tissaħħaħ id-demokrazija, l-libertà u d-drittijiet tal-bniedem. Irridu li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tkun kompetenza tal-Unjoni Ewropea. Il-qafas legali tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u d-Direttiva Orizzontali kontra d-diskriminazzjoni għandhom jissaħħu biex jinkludu forom differenti ta' diskriminazzjoni, inkluż r-razziżmu.

Il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru għandha tkun reat fuq livell tal-UE. Jiswielek li, għalik, għal uliedna, persuni trans, intersex, u *non-binary* jkunu protetti u inklużi fil-qafas legali tal-UE u l-istrateġija għall-ugwaljanza LGBTQIA+. Il-libertà tal-moviment hija dritt ta' kulħadd inkluż tal-familji qawsalla.

Jiswielek li nassiguraw id-dritt għal edukazzjoni sesswali effettiva, u l-aċċess għal kontraċettivi ta' kwalità għaż-żgħażagħ. Edukazzjoni sesswali u aċċess għall-kontraċettivi jfissru kwalità ta' ħajja aħjar u anqas problemi ta' natura soċjali, medika u psikoloġika. Ma rridu lil ħadd jispiċċa l-ħabs għax jirrikorri għad-deċiżjoni ħafna drabi diffiċli biex jittermina t-tqala.

Jiswielek li naħdmu għal listi elettorali tal-Parlament Ewropew b'bilanċ bejn il-ġeneri, u li l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea wkoll tkun ibbilanċjata.

Il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil mhux addattat għaż-żminijiet tal-lum. Jiswielek li l-istati membri kollha jerfgħu r-responsabilità tagħhom għall-ażil. Pajjiżi tal-Mediterran inkluż Malta għandhom ikunu appoġġjati fil-missjonijiet ta' għajnuna fuq ir-rotta ta' migrazzjoni tal-Mediterran ċentrali. L-istati membri għandhom jgħinu fil-missjonijiet umanitarji ta' salvataġġ u m'għandu jkun hemm l-ebda ftehim, bil-moħbi jew mhux ta' *pushbacks*. M'għandu jkun hemm l-ebda koperazzjoni mal-Libja fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-vjolenza qattiela, it-tortura u l-abbuż kriminali tal-persuni. Għandu jkun hemm lista mifthema ta' pajjiżi li mhumiex sikuri għal persuni LGBTQIA+.

## L-intelliġenza artifiċjali għas-servizz tal-bniedem. Jiswielek.

Jiswielek li naffrontaw ir-riskji tal-intelliġenza artifiċjali (IA). Jiswielek li nassiguraw u nimplimentaw il-prinċipju fundamentali tal-kontroll uman fuq is-sistemi kollha tal-IA. Il-bniedem irid jibqa' fil-kontroll, dejjem. Jiswielek li l-IA taħdem għalik, għas-soċjetà u għad-dinja tagħna, u mhux biex tikkontrollana u tissorveljana. Ma rridux tekno-kapitaliżmu.

Ma rridux IA li tikkategorizzana skont l-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali tagħna, skont il-kulur, jew l-emozzjonijiet tagħna. Lanqas ma rridu stat polizjesk li bl-IA jiddeċiedi x'passi għandhom jittieħdu minħabba s-suppost karatteristiċi individwali jew ta' gruppi differenti. Kull applikazzjoni diġitali li tuża l-IA għandha tkun immarkata b'mod ċar.

Jiswielek li l-UE tiżviluppa etika diġitali li ma tħallix lil sistemi tal-IA jintużaw biex ibassru l-imġiba tan-nies, bir-riskju ta' diskriminazzjoni, ta' tisħiħ ta' stereotipi eżistenti, u segregazzjoni u esklużjoni soċjali u kulturali. Id-*data* tagħna m'għandhiex tkun tista' tintuża bla kunsens.

## Stampa ħielsa u indipendenti. Jiswielek.

Jiswielek li jkollna qafas legali Ewropew dwar il-*media*. Il-monopolji kummerċjali fil-qasam tal-istampa mhux aċċettabbli. Irridu qafas legali tal-UE li jipproteġi x-xogħol tal-ġurnalisti u li ma jħallix interessi finanzjarji jimminaw lill-ġurnaliżmu investigattiv. Irridu niżguraw li l-liġijiet dwar il-propjetà intellettwali bħad-drittijiet tal-awtur (*copyright*), sigrieti industrijali, il-protezzjoni tad-*data*, u d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva ma jiġux abbużati.

Jiswielek li naħdmu għal liġijiet Ewropej li jġibu fix-xejn il-kontroll tal-PL u l-PN fuq ix-xandir. Kultant żmien, partit minnhom jikkontrolla ukoll ix-xandir pubbliku. Dan il-kontroll jimmina d-demokrazija għax jipperpetwa l-gidba li tagħhom biss huma l-opinjonijiet li jgħoddu. Hawn ferm iżjed opinjonijiet minn hekk, mhux biss riżultat ta' pluralità ta' partiti politiċi imma ukoll frott ta' soċjetà ċivili attiva. Il-PL u l-PN m'għandhomx jibqgħu sidien ta' stazzjonijiet tax-xandir, u minnufih l-istat m'għandux jiffinanzja l-istazzjonijiet tal-partiti la direttament u lanqas indirettament għax dan ifisser li l-istat qed jiffinanzja l-kampanji politiċi tagħhom. L-*istatus quo* imur kontra l-ispirtu tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media.

Jiswielek ukoll li niżguraw li fid-dawl tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media issir riforma tax-xandir pubbliku li jassigura rwol editorjali f'idejn persuni ta' ideat varji u li għandu jwassal għal xandir pubbliku distakkat mill-gvern tal-ġurnata u mmexxi minn xandara professjonali. Ir-riforma għandha tfisser li t-tmexxija tax-xandir pubbliku, kif ukoll il-bordijiet ta' governanza għandhom jintgħażlu bi proċess trasparenti u mingħajr xamma ta' diskriminazzjoni għal terminu fiss li ma jiddependix fuq xi jfettillu l-gvern jew il-Ministru.

## Unjoni ta' paċi, koperazzjoni u drittijiet tal-bniedem. Jiswielek.

Il-politika barranija hija kompetenza nazzjonali, imma jiswielek li nsaħħu l-koperazzjoni u l-koordinazzjoni ta' azzjoni Ewropea f'dan il-qasam.

Il-koperazzjoni u azzjoni multilaterali għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji tad-demokrazija, is-saltna tad-dritt internazzjonali, s-solidarjetà, d-drittijiet tal-bniedem u l-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Magħquda (SDGs). In-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Organizazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) huma fora importanti ta' koperazzjoni u azzjoni internazzjonali mnebbħa minn dawn il-prinċipji.

Jiswielek li niddefendu lin-NU, bħala l-għassiesa tal-valuri komuni bejn in-nazzjonijiet, minn attakki ta' min irid ikompli jdgħajjifha. Irridu anzi li nsaħħu l-kontabilità, t-trasparenza u l-effettività tan-Nazzjonijiet Uniti. Irridu li l-Kunsill ta' Sigurtà jirrifletti d-dinja tal-lum u li r-reġjuni tad-dinja kollha jkollhom rappreżentanza xierqa fuq dan il-kunsill importanti. Organizazzjonijiet ta' stati reġjonali bħall-UE għandhom ikunu membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà. Id-dritt tal-veto għandu jitneħħa minnufih.

Għandu jkun hemm diviżjoni netta ta' kompetenzi bejn l-UE u n-NATO. Għalkemm il-maġġoranza kbira tal-istati membri issa huma wkoll membri tan-NATO, stati membri bħal Malta li mhux membri tan-NATO għandhom ikunu inklużi f'kull diskussjoni fejn tidħol is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea. Sta għall-pajjiżi membri li jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom skont il-kuntest u skont il-każ.

Il-mentalità militaristà tal-konservattivi għandna nirreżistuha. Il-prijorità għandha tkun il-medjazzjoni, ir-

rikonċiljazzjoni u li nevitaw il-kunflitti minn qabel ma dawn iseħħu. Dan ma jfissirx li qatt m'hu se jkun hemm bżonn nappoġġjaw pajjiżi li jsofru minn invażjonijiet u minn aggressuri. Azzjonijiet militari għandhom ikunu assolutament l-aħħar għażla, konformi mal-liġi internazzjonali u jkunu ta' natura difensiva biss.

L-Unjoni Ewropea għandha tiddefendi l-istat tad-dritt internazzjonali, d-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali. Min iwettaq ġenoċidji, krimini tal-gwerra u jikser id-drittijiet tal-bniedem, ikun min ikun, għandu jiffaċċja l-ġustizzja internazzjonali. Il-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (*ICC*) u tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja għandhom ikunu mgħejjuna biex dawk kollha responsabbli tal-krimini tal-gwerra f'Gaza u fit-territorji Palestinjani jiffaċċjaw il-ġustizzja mill-aktar fis possibbli.

Jiswielek li l-ġustizzja sseħħ, għax il-ġustizzja vera tnissel  il-paċi u l-istabilità. Il-Palestina, fl-aħħar, wara għexieren ta' snin ta' oppressjoni kolonjali u *apartheid* , għandha tkun rikonuxxuta bħala stat. Għandu jkun hemm sforz komuni u għajnuna favur paċi dejjiema biex il-Palestinjani kollha jkollhom d-dritt għal darhom u d-dritt biex dak li nsterqilhom mill-kolonizzaturi jieħduh lura.

Jiswielek li kemm pajjiżna, kif ukoll l-Unjoni Ewropea, jkollhom aktar kontroll fuq is-sistema tal-enerġija, fuq teknoloġiji kruċjali, u ta' affarijiet vitali oħra. Hija kwistjoni ta' sigurtà. Għalhekk it-tranżizzjoni ekoloġika hija importanti, għax tnaqqas il-ħela tar-riżorsi, u tnaqqas id-dipendenza fuq riżorsi minn sorsi li jeqirdu l-ambjent u jkattru l-faqar, il-mard u t-tbatija.
Jiswielek li l-Unjoni Ewropea jkollha strateġija aktar ċara ta' sikurezza ċibernetika li tippermetti l-koperazzjoni u l-interoperabilità madwar l-istati membri għax id-diżinformazzjoni thedded id-demokrazija.

## Kull ftehim kummerċjali jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet soċjali, l-ambjent u l-klima. Jiswielek.

Jiswielek li aħna l-Ħodor inkomplu nimbuttaw biex intejbu l-ftehimiet bilaterali dwar il-kummerċ u l-investiment biex niżguraw li d-drittijiet soċjali, l-ambjent u l-klima, fl-interess tagħna lkoll ikunu żgurati. Il-Ftehim ta' Pariġi, il-ftehim dwar il-bijodiversità Kunming-Montreal, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (*SDGs*), u l-konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizazzjoni Dinjija tax-Xogħol (*ILO*) għandhom isiru elementi essenzjali tal-ftehimiet ta' kummerċ.

L-ebda ftehim kummerċjali m'għandu jimmina l-istandards għoljin tal-Unjoni Ewropea, partikolarment fejn jidħlu standards ta' kwalità, standards soċjali u tax-xogħol, u standards agrikoli u ambjentali.

Jiswielek li l-ebda regoli kummerċjali ma' jtellfu l-azzjoni dwar il-klima. Għall-kuntrarju, l-kummerċ ukoll irid ikun parti mill-isforzi tagħna biex nillimitaw l-emissjonijiet, naqilbu għal teknoloġiji żero-karbonju u ntemmu l-qerda ekoloġika. Il-kummerċ ta' prodotti u servizzi sostenibbli għandu jkun iffaċilitat, sabiex dawn jirħasu u jkunu aktar disponibbli u aċċessibbli għal kulħadd. Kwalunkwe prodott perikoluż wisq għall-użu fl-UE huwa wkoll perikoluż wisq għall-użu f'pajjiżi oħra. L-oġġetti li mhumiex awtorizzati li jinbiegħu fl-UE m'għandhomx jiġu esportati lejn pajjiżi terzi.

adpd.mt